Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

**Minuti**

**L-Għaxar Leġislatura**

Laqgħa numru 38

17:30 pm 23 ta' Gunju 2026

Preżenti

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Luke Farrugia** | **Sindku** |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi- Sindku |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

Is-Sur Anthony Meilak — Kunsillier

**Assenti**

Ħadd

**Ufficċjal Preżenti**

Robert Buhagiar - Agent Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (17:30pm).**

**38.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

Is- Sindku s-Sur Luke Farruġia nforma lill- membri li rċieva ittra ta' Apoloġija mis-Sinjur Anthony Meilak

**Il-Kunsill approva l-apoloġiji.**

**38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 37 , liema minuti kienu ċċirkolati permezz ta' posta elettronika u meħuda bħala moqrija.

**38.2.1** Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti Nru 37
Il-Kunsillier Joseph Cachia ssekonda. Il-Minuti gew approvati b'ħames voti favur u asstenzjoni waħda ta's-Sur Dominic Spencer.

**38.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku.**

**38.3.1** Is-Sindku Sur Luke Farrugia semma il-ġimgħa li għaddiet sar filming fit-triq ġewwa il-Marsa, li għaliha rċevejna donazzjoni ta' €700.

**38.3.2** Is-Sindku semma li sar meeting mal-iskola ta' Santu Wistin, fejn ġie miftihem li jiġu ingaġġati pulizija min-naħa tal-iskola biex jassistu fid-direzzjoni tat-traffiku, speċjalment fiż-żona ta' l-iskola.

**38.3.3** BirdLife installat cameras fi Ġnien Belvedere. Issa qed jistennew il-filmati tal-għasafar, b'mod partikolari għall-perjodu meta dawn ibejtu.

**38.3.4** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li mill-Iskema tal-Community Scheme workers intbaghtet persuna oħra biex taħdem bħala community worker. Din il-persuna bdiet twettaq xogħol ta' manutenzjoni f'diversi spazji pubbliċi, fosthom Ġnien Belvedere u Ġnien 6 ta' Awwissu, inkluż tindif, ħasil ta' żoni fil-ġnien u tneħħija ta' ħaxix u weraq f'diversi partijiet tal-ġonna msemmija.

**38.4 Mistoqsijiet mill-kunsilliera.**

**38.4.1** Il-Kunsillier is-Sur Joseph Scerri esprima tħassib dwar in-nuqqas ta' informazzjoni teknika u dokumentazzjoni minn qabel rigward il-proġett, inkluż jekk kienx hemm konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA). Staqsa wkoll dwar il-kriterji użati għall-għażla tas-siti fejn ġew installati l-bird nests, partikolarment il-Belveder u siti oħra proposti, u jekk dawn ġewx identifikati abbażi ta' studju xjentifiku jew kriterji ambjentali speċifiċi.

**38.4.2** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-proġett kien diġà ġie diskuss u approvat fil-laqgħa preċedenti, u li l-installazzjoni tal-bird nests diġà twettqet f'ċerti siti. Ġie enfasizzat li għal aktar dettalji tekniċi u kjarifiki, għandu jsir kuntatt minn qabel mas-Sindku beix ikun jista' jitkellem dirett mal- BirdLife bħala l-entità responsabbli mill-implimentazzjoni tal-proġett.

**38.4.3** Il-Viċi Sindku Sur Josef Azzopardi saqsa lill-Kunsill dwar il-proċess ta' kif jiġu assenjati l-Community Workers lill-Kunsill u jekk dawn ikunux magħżula permezz ta' proċedura ta' intervisti jew inkella permezz ta' allokazzjoni diretta mid-dipartiment responsabbli kif ukoll esprima tħassib dwar in-nuqqas ta' informazzjoni minn qabel dwar l-identità tal-ħaddiema u l-proċedura ta' reklutaġġ, inkluż aspetti relatati ma' trasparenza u ġestjoni tar-riżorsi umani.

**38.4.4** Is-Sindku osserva li l-Kunsill ripetutament talab għal aktar riżorsi umani sabiex jissaħħu x-xogħlijiet fuq barra, u kkonferma li saru diversi talbiet lid-dipartiment kompetenti għal aktar Community Workers. Ġie nnutat li bħalissa l-Kunsill għandu numru limitat ta' ħaddiema assenjati, minkejja l-bżonn kontinwu ta' aktar appoġġ fil-manutenzjoni tal-ispazji pubbliċi.

**38.4.5** Il-Kunsillier is-Sur Joseph Scerri saqsa dwar kwistjonijiet relatati ma' manutenzjoni u tindif f'żoni pubbliċi, b'mod partikolari fiż-żona ta' Albert Town u l-madwar, fejn ġie rrappurtat akkumulazzjoni ta' ħmieġ u nuqqas ta' tindif regolari f'ċerti toroq ta'dik iż-żona.

**38.4.6** Is-Sindku rrikonoxxa l-kwistjonijiet imqajma u kkonferma li se jittieħdu passi sabiex tiżdied il-frekwenza tat-tindif u titjieb il-koordinazzjoni mas-supervisor responsabbli. Ġie nnutat ukoll li qed isiru sforzi kontinwi sabiex jiġu ndirizzati l-limitazzjonijiet ta' riżorsi umani u tagħmir

**38.4.7** Il-Viċi Sindku s-sur Josef Azzopardi esprima tħassib tiegħu dwar il-frekwenza u l-effettività tas-servizzi ta' tindif, kif ukoll għall-kundizzjoni ġenerali ta' diversi ġonna u spazji pubbliċi taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill, fejn ġie osservat li f'ċerti każijiet hemm bżonn ta' interventi ta' manutenzjoni urġenti, inkluż tisbiħ ta' passaġġi, tiswija ta' infrastruttura u sostituzzjoni ta' pjanti, kif ukoll aktar tindif b'mod partikolari fi Triq Zerafa u toroq tal-madwar.

**38.4.8** Is-Sindku osserva li se jintbagħtu ritratti u dokumentazzjoni biex jindikaw il-problemi msemmija, u kkonferma li dawn se jiġu segwiti mal-awtoritajiet u s-servizzi relevanti.

**38.4.9** Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ippropona li jiġu kkunsidrati miżuri alternattivi ta' kontroll, inkluż linji sofor (yellow lines) u interventi infrastrutturali oħra fl-area ta Albert town, kif ukoll fi Sqaq il-Pont li jinsab il-Menqa fejn hemm problemi rikorrenti ta' parkeġġ mhux awtorizzat li minflok l-użu ta' bollards fissi jsiru linji sofor (junction box) sabiex jiġi żgurat aċċess sikur, speċjalment f'każijiet ta' emerġenza, kif ukoll titwaħħal mera f'Triq Zerafa ma' Triq Patri Magri.

**38.4.10** Il-Kunsillier Dominic Spencer saqsa jekk ma nafux minn huwa il-kuntrattur li tefa'(Terrapien u debris) waqt il-granet tal-festa.

**38.4.11** Is-Sindku informa lil-Kunsill li f'żona fejn kienu qed isiru xogħlijiet infrastrutturali relatati ma' installazzjoni ta' arbli għal pannelli solari tad-dawl pubbliku. Ġie spjegat li dawn ix-xogħlijiet saru f'kollaborazzjoni ma' public works u kuntratturi esterni, u li l-materjal imsemmi kien relatat max-xogħlijiet temporanji tat-trenching.

**38.4.12** Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer irrefera għall-importanza li kuntratturi responsabbli għal xogħlijiet pubbliċi jkunu obbligati jżommu u jħallu s-siti nodfa wara t-tlestija tax-xogħol, partikolarment f'perjodi ta' attività intensa bħal festi lokali.

**38.4.13**.Il-Kunsillier Sur Dominic Spencer talab il-lista tal-impjegati tal-Kunsill u tal-community workers biex tigi mressqa fil-laqgha li jmiss.

**38.4.14**Il-Kunsilliera Gloria Aquillina resqet proposta ghall-approvazzjoni tal-kunsill biex issir attivita ta'planting minn studenti bl-awtizmu fil-gonna li għandu l-Kunsill.

**38.4.15** Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta biex issir imsemmija attivita'.

**38.4.16** Il-Kunsilliera Gloria Aquilina irringrazzjat lill-Kunsill rigward l-attivita' li giet organiżżata tal-Community chest Fund.

**38.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni Skeda ta' pagament 06/2026**

Is-Sindku ppreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 06/26 li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

**38.5.1** Wara mozzjoni mressqa mill-proponent, is-Sindku Luke Farrugia u sekonda l-Kunsillier s-Sur Joseph Cachia, il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi kif ukoll il-kunsillier is-Sur Dominic Spencer asstjenew fuq il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti. L-iskeda tal-pagamenti għaddew b'erba favur u żewġ asstenzjonijiet.

**38.6 Management Letter 2025 u Risposta Tal-Kunsill**

**38.6.1** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-managment letter bħala risposta tal-kunsill fuq l-awditjar fejn il-kunsill approva il-management letter unanimament.

**38.7 Kwotazzjonijiet – Għana Fest 2026**

**38.7.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li, wara reviżjoni tal-ippjanar tal-attività, ġew proposti żewġ bidliet, waħda fid-data tal-attività li tinbidel għal 31 ta' Lulju 2026, kif ukoll tibdil tal-isem minn Għanafest 2026 għal Festa Għana.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-laqgħa preċedenti kien diġà ngħata qbil fil-prinċipju sabiex l-attività tiġi organizzata. Is-Sindku ppreżenta lill-Kunsill il-kwotazzjonijiet relatati mal-organizzazzjoni tal-attività, filwaqt li s-Segretarju nforma lill-membri li d-dokumenti kollha kienu disponibbli għall-konsultazzjoni. Ġie nnutat li l-kwotazzjonijiet ġew evalwati skont il-proċeduri tal-Kunsill u li l-għażla saret fuq il-bażi tal-orħos offerta konformi. Il-baġit allokat għall-attività huwa ta' €15,000.

Matul id-diskussjoni l-Kunsillier is-Sur Joseph Scerri ressaq suġġerimenti dwar il-post tal-attività u dwar il-ħtieġa li l-attivitajiet tal-Kunsill jitqassmu wkoll f'żoni oħra tal-lokalità. Is-Sindku spjega li l-għażla tal-post saret wara evalwazzjoni tal-logistika u tal-ispazju disponibbli, filwaqt li esprima r-rieda li attivitajiet futuri jsiru wkoll f'postijiet differenti.

Saret ukoll diskussjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-għaqdiet lokali, b'mod partikolari dawk taż-żona ta' Maria Reġina. Is-Sindku enfasizza li l-intenzjoni tal-Kunsill hija li l-attivitajiet ikunu inklussivi u miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-għaqdiet kollha tal-lokalità. Ġie propost li

tintbagħat sejħa lill-għaqdiet kollha sabiex kull min ikun interessat ikun jista' jieħu sehem fl-attività.

**38.7.2** Wara d-diskussjoni, s-Sindku ressaq għall-votazzjoni dwar l-approvazzjoni tal-kwotazzjonijiet u l-organizazzjoni tal-attività. Is-Sindku Is-Sur Luke Farrugia ,l-Kunsillieri Joseph Cachia, Joseph Scerri u s- Sinjura Gloria Aquilina vuttaw favur , filwaqt li l-Viċi Sindku is-Sur Josef Azzopardi u l-Kunsillier Dominic Spencer ivuttaw kontra b'rizultat ta 4 favur u 2 kontra.

**38.8 Kwotazzjonijiet – Van Skola Sajf**

**38.8.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Uffiċċju ġabar il-kwotazzjonijiet għas-servizz ta' trasport għal Skola Sajf. Ġie spjegat li s-servizz se jkopri l-perjodu bejn it-13 ta' Lulju u l-11 ta' Settembru 2026, kuljum bejn it-8:00 a.m. u 12:30 p.m. L-orħos kwotazzjoni konformi kienet ta' €65 kuljum, b'valur totali stmat ta' €2,925 (eskluż il-VAT). Il-membri tal-Kunsill iddiskutew l-ispiża meta mqabbla mas-sena preċedenti, filwaqt li ġie nnutat li l-informazzjoni kienet ser tiġi vverifikata. Wara d-diskussjoni, l-proposta tqiegħdet għall-vot. Il-Kunsill qabel unanimament.

**38.9 Xiri ta' Automated External Defibrillators (AEDs)**

**38.9.1** Is-Sindku ppreżenta proposta għax-xiri ta' Automated External Defibrillators (AEDs) sabiex jitpoġġew f'postijiet strateġiċi fil-lokalità. Ġie spjegat li dawn l-apparat jintużaw f'każ ta' waqfien f'daqqa tal-qalb u, flimkien mal-amministrazzjoni tas-CPR, jistgħu jsalvaw il-ħajja sakemm tasal l-għajnuna medika.

Ġie propost li inizjalment jiġu installati żewġ apparat, wieħed fiż-żona ta' Maria Reġina u ieħor fiż-żona tat-Trinità, matul id-diskussjoni l-Viċi Sindku ressaq ukoll il-proposta li jiġi kkunsidrat it-tqegħid ta' apparat ieħor fil-binja tal-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill iddiskuta l-postijiet xierqa għall-installazzjoni tal-apparat, filwaqt li ġie ssuġġerit li dawn jitpoġġew f'postijiet pubbliċi aċċessibbli u mgħammra b'sistemi ta' sigurtà, sabiex ikunu protetti minn vandaliżmu.

L-Uffiċċju ppreżenta tliet kwotazzjonijiet. Id-diskussjoni ffokat mhux biss fuq il-prezz, iżda wkoll fuq il-garanzija offruta, it-taħriġ lill-utenti, is-servizz ta' manutenzjoni u l-appoġġ tekniku.

Il-membri tal-Kunsill osservaw li, minħabba n-natura kritika tal-apparat, huwa essenzjali li jkun hemm ftehim ta' manutenzjoni regolari, sabiex jiġi żgurat li l-apparati jibqgħu f'kundizzjoni tajba u jkunu ċċertifikati għall-użu f'kull ħin.

Wara d-diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-kwotazzjonijiet ippreżentati ma jiġux approvati f'dak l-istadju u li l-Uffiċċju għandu jitlob kwotazzjonijiet aġġornati li jinkludu wkoll il-kundizzjonijiet u l-ispejjeż ta' manutenzjoni, sabiex il-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni infurmata fil-laqgħa sussegwenti. Il-punt ġie differit, u l-Uffiċċju ġie mitlub jippreżenta Xiri ta' Automated External Defibrillators (AEDs)

**38.10 Siġar ġodda fi pjazza G.F.Abela u Ġnien Belveder**

**38.10.1** Is-Sindku Sur Luke Farrugia ressaq proposta lill -Kunsill fejn spjega li s-siġar tal-Ficus qed jagħmlu ħsara lill-bankini u lill-pjazza minħabba l-għeruq. Ghalekk qiegħed jipproponi li dawn is-siġar jitneħħew u jiġu trapjantati fil-Ġnien Belvedere, wara parir tekniku issuġġerixxa li minflok jitħawwlu siġar ta' Ġuda.

**38.10.2** Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer enfasizzat li qabel tittieħed deċiżjoni hemm bżonn rapport u parir professjonali, pjan tal-perit, stima tal-ispejjeż, kif se jsir it-trapjant u t-tiswija tal-bankini.

**38.10.3** Is-Sindku semma Sponsorship tal-Kumpanija (Baxter) offriet li tisponsorja 20 siġra, inkluż ix-xiri u t-tħawwil tagħhom. Il-kumpanija talbet kwotazzjoni u konferma mill-kunsill sabiex tkun tista' timxi bil-proċess.

**38.10.4** Il-kunsill qabel mal-prinċipju iżda insistew li qabel tittieħed deċiżjoni finali għandhom ikunu disponibbli survey professjonali,rapport tekniku, pjanta tal-perit, spejjeż dettaljati u l-permessi meħtieġa.

**38.10.5** Il-Vici Sindku s-Sur Josef Azzopardi rrimarka dwar il-ħtieġa li l-Kunsill jiġi infurmat dwar proġetti li jaffettwaw il-lokalità fejn qal ukoll li s-Sindku għandu dritt jirrappreżenta lill-Kunsill quddiem il-Planning Authority meta jkun hemm bżonn.

**38.11 Emenda tal-Kuntratt ta' General Helper**

**38.11.1** Is-Sindku spjega li d-deċiżjoni preċedenti tal-Kunsill kienet li tinħareġ sejħa għal Maintenance Officer (Skala 15) b'baġit annwali stmat ta' €18,000. Spjega li wara diskussjonijiet mad-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, inkisbet approvazzjoni bil-miktub sabiex jiżdied il-kuntratt tal-kuntrattur tal-manutenzjoni eżistenti b'€5,000 b'direct order u jiżdiedu s-sigħat tax-xogħol tiegħu . Huwa kompla jispjega li b'din iż-zieda addizjonali ta' €5,000 ma tinħariġx is-sejħa l-ġdida għall-post tal-manutenzjoni b'hekk il-Kunsill jiffranka madwar €13,000 meta mqabbel mal-baġit oriġinali.

**38.11.2** Il-Kunsilliera Gloria Aquillina espremit it-tħassib tagħha fejn qalet li mhux ghax ma taqbilx ma din il-proposta imma li kull żieda fl-infiq, tkun ta' kwalunkwe ammont, għandha l-ewwel tiġi diskussa u approvata mill-Bord tal-Finanzi qabel ma tiġi implimentata.

**38.11.3** Is-Sindku wieġeb il-proposta xorta waħda ser tkun €13,000 taħt il-baġit u mhux aktar mill-baġit u qiegħed jaghmel din il-proposta ghax is-sitwazzjoni kienet urġenti minħabba l-ħtiġijiet tal-manutenzjoni. Is-Sindku qal ukoll li d-Direttur Ġenerali kien diġà ta l-approvazzjoni tiegħu għal dan l-arranġament u kwalunkwe deċiżjoni futura dwar il-post tal-ħames skrivan xorta titressaq quddiem il-Bord tal-Finanzi.

**38.11.4** Il-Viċi Sindku Sur Josef Azzopardi saqsa lill-Agent Segretarju fuq is-sigħat tax-xogħol il-ġodda tal-kuntrattur jekk l-arranġament kienx Kuntratt għal Servizz (Contract for Service) u mhux impjieg mal-Kunsill kif ukoll fuq il-finanzjament futur għall-post tal-ħames skrivan.

**38.11.5** L-Agent Segretarju spjega f'dettal fuq il-complimant li għandu il-Kunsill kif ukoll li l-kuntrattur kien ser jibqa' ingaġġat permezz ta' Kuntratt għal Servizz u mhux bħala impjegat tal-Kunsill u żieda kienet tirrigwarda biss is-servizz kuntrattwali.

**38.11.6** Is-Sindku Sur Luke Farrugia ressaq din il-mozzjoni għall-vot li tghid li jiġi approvat li l-kuntratt tal-kuntrattur tal-manutenzjoni jiżdied b'€5,000, skont il-parir u l-approvazzjoni bil-miktub tad-Direttur Ġenerali, sabiex jiżdiedu s-sigħat tax-xogħol tiegħu u ma jkunx hemm bżonn tinħareġ sejħa ġdida għall-Manutenzjoni.

**38.11.7** Il-Kunsillier is-Sur Joseph Cachia sekonda din il-mozzjoni.

**38.11.8** Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer iddikjara li kien ser jivvota favur bil-kundizzjoni li l-materja titressaq quddiem il-Bord tal-Finanzi, u li jekk il-Bord ma japprovax ir-riallokazzjoni tal-baġit, il-vot ma jkollux effett.

**38.11.9** Il-proposta ġiet approvata, b'sostenn espress suġġett għar-ratifika mill-Bord tal-Finanzi.

**38.12 Korrispondenza**

**38.12.1** Programm ta' Animal Welfare: Id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali bagħtet proposta sabiex il-Kunsilli Lokali jikkollaboraw ma' l-Animal Welfare fl-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' tagħrif. Il-Kunsill esprima unanimament interess li jipparteċipa.

**38.12.3** Waslet talba sabiex il-Kunsill jirreklama fil-programm tal-pasta night għall-prezz ta' €300. Il-Kunsill qabel unanimament li jinxtara dan ir-reklam.

**38.12.4** Waslet talba sabiex il-Kunsill jirreklama fil-programm tan-nar tal-festa għall-prezz ta' €200. Il-Kunsill qabel unanimament li jinxtara dan ir-reklam

**38.12.5** Reklutaġġ ta' Skrivan (Skala 15) Il-Kunsill ġie infurmat li nkisbu l-approvazzjonijiet kollha meħtieġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u minn Jobsplus sabiex jibda l-proċess ta' reklutaġġ ta' Skrivan - Skala 15.

**38.12.6** Il-Kumitat tal-Festa talab lill-Kunsill jirreklama fil-programm tal-festa għall-prezz ta' €300. Il-Kunsill qabel unanimament li jinxtara dan ir-reklam.

**38.12.7** Il-Kunsill irċieva stedina mill-Malta Digital Innovation Authority sabiex jikkollabora fl-organizzazzjoni ta' sessjonijiet AI for All għar-residenti. Il-Kunsill qabel li nieħdu sehem imma nħibu aktar informazzjoni.

**38.12.8** Is-Segretarju qara email mibgħuta mill-Kunsillier Dominic Spencer. Il-Kunsillier stqarr li huwa ma setax jattendi l-laqgħa preċedenti tal-Kunsill u segwa l-laqgħa permezz tal-livestream fejn ġiet meħuda deċiżjoni dwar dekasteru taħt ir-responsabbiltà tiegħu mingħajr ma ġie kkonsultat jew mitlub il-kunsens tiegħu ghalhekk qies dan bħala nuqqas ta' rispett lejn ir-responsabbiltajiet assenjati lilu, b'effett immedjat ma xtaqx jibqa' responsabbli minn dak id-

dekasteru. Is-Sur Dominic Spencer talab li l-email tiġi rreġistrata fir-rekords uffiċjali tal-Kunsill.

### 38.13 Aġġornament

**38.13.1** Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-19:50 u giet aġġornata għal-Erbgha 15 ta' Lulju 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Luke Farrugia | Robert Buhagiar |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |